MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 72/2008

Perit Raymond Agius;
Louis Agius,
Marvine mart Angelo Muscat
Aħwa Agius,
L-imsemmi Louis Agius f’ismu
Proprju u bħala mandatarju ta’ oħtu ġermana
Christine mart Salvatore Cauchi. .

vs

Miriam mart Anthony Zammit,
Elvine, xebba, xebba illi tinsab
Inabilitata u għandha sabies jassistiha
Bħala kuratur lil Malcolm Meilak,
U Rachel mart Ahmed Jallad aħwa Agius;
U Anthony Zammit li b’degriet tat-22
Ta’ Awwissu, 2008 ġie nominat
Kuratur Deputat sabiex jirrappreżeta lill-
Imsefrin Marcel u Joseph aħwa Agius;
U b’nota tat-2 ta’ Diċembru 2011,

Marcel Agius assuma l-atti tal-kawża
Stante l-preżenza tiegħu f'dawn il-gżejjer.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremetttew illi:

1. Illi Salvatore Agius, ġia iben Francesco u Josephine nee' Farrugia, miet f'Victoria Għawdex, fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju elf disa' mija ħamsa u erbgħin (1945) u rregola is-suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment unika karta ma' martu fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tas-sbatax (17) ta' Mejju elf disa' mija tmienja u tletin (1938) bis-saħħa ta' liema nnomina lil martu Rachele Agius bħala eredi universali tiegħu;

2. Illi sussegwentement għall-mewt ta' Salvatore Agius, stante illi l-istituzzjoni tagħha bħala eredi kienet 'inattendibbli', Rachele Agius irrinunzjat għal kull dritt ta' proprjeta' lilha spettanti fuq l-eredita' ta' żewġha b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tas-17 ta' April 1948 fil-waqt illi uliedha ikkostitwew favur tagħha l-użu u l-użufrutt fuq l-assi ereditarji ta' żewġha għal matul ħajjitha;

3. Illi imbagħad b'kuntratt ieħhor, fl-atti tan-Nutar John Busuttil tat-3 ta' Lulju 1956 saret diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess Rachele Agius u uliedha. Bis-saħħa ta' dak il-kuntratt lil Rachele Agius ġiet assenjata id-dar 138 u 139, Triq Sant'Orsla, Victoria, u xi flus a saldu tas-sehem spettanti lilha mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha.

4. Fuq l-istess kuntratt, l-aħwa Agius kienu iddividew l-assi illi ġew assenjati lilhom ilkoll flimkien bħala eredi ta' missierhom Salvatore Agius a saldu tas-sehem spettanti lilu mill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu. Bis-saħħa ta' dik l-assenjazzjoni lil Francesco Agius ġiet assenjata t-tieni porzjoni li tikkomprendi nofs indiviż tal-maħżen fin-numri 11 u 12, Sir Adrian Dingli Street, Victoria; l-art fabbrikabbli f'Castle Street, Victoria, kamra numru 7, Marina Street, sive Triq tas-Sorijiet,

Xlendi, u Kamra f'Saint Mary Street, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Għawdex, u xi flus kontanti;

5. Illi Rachele armla ta' Salvatore Agius, bint il-mejtin Carlo Cassar u Carmela nee' Portelli, mietet, f'Għawdex, fis-sebgħa (7) ta' Awissu elf disa' mija ħamsa u sittin (1965) u din irregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-ħdax (11) ta' Ottubru elf disa mija wieħed u sittin (1961) u ieħor fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tad-disa' (9) ta' Novembru elf disa' mija sitta u ħamsin (1956) bis-saħħa ta' liema wara li ħalliet xi legati innominat bħala eredi universali tagħha lill-ħamest uliedha Francesco, Carlo, Maria, Gorg u Carmelo fi kwoti ugwali bejniethom;

6. Illi Carmelo Agius miet fl-erbgħha u għoxrin (24) ta' Settembru elf disa' mija sitta u disgħin (1996), u skond it-testment tiegħu fl-atti tan-nutar Paul George Pisani tal-għaxra (10) ta' Frar elf disa' mija tnejn u disgħin (1992) innomina eredi universali tiegħu lil ibnu il-Perit Ray Agius. Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tiegħu saret fl-atti tan-Nutar

7. Illi Francesco Agius miet ġuvni, f'Victoria, Għawdex, fit-tnejn (2) ta' Diċembru elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u irregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-ħmistax (15) ta' April elf disa' mija sitta u disgħin (1996) fejn ħalla legat lil Salvina Agius biss u ma innominax eredi. B'degriet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja mogħti fuq rikors Nru. 92/98, is-suċċessjoni tiegħu ġiet dikjarata aperta favur it-tlett ħutu sopravissuti Carlo, Maria, Gorg, u favur il-Perit Ray Agius, iben uniku ta' ħuh predefunt Carmelo fi kwoti ta' kwart kull wieħed;

8. Illi Carlo Agius miet fil-ħmistax (15) ta' April elfejn u wieħed (2001) u bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Maria Grech tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) huwa nnomina eredi universali tiegħu lit-tlett uliedu Louis, Marvine, u Christine Agius fi kwoti ugwali bejniethom; Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis relativament għas-suċċessjoni

ta’ Carlo Agius saret fl-atti tan-Nutar Maria Grima fid-disgħa u għoxrin (29) ta’ Mejju tal-istess sena 2001 u ġiet imbagħad korretta b’dikjarazzjoni oħra fl-atti tal-istess Nutar tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Mejju 2003.

9. Illi Gorg Agius miet fis-sebgħa (7) ta’ Jannar elfejn (2000), u l-eredi preżuntivi tiegħu, sa fejn jafu l-esponenti huma uliedu Miriam mart Anthony Zammit, Salvina magħrufa bħala Elvine, xebba illi tinsab inabilitata u għandha sabiex jassistiha bħala kuratur lil Malcolm Meilak, Rachel mart Ahmed Jallad, Marcel u Joseph aħwa Agius;

10. Maria Agius mietet xebba fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Mejju elfejn u sitta (2006) u bis-saħħa tat-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-ħamsa (5) ta’ Diċembru elfejn u tnejn (2002) hija nnominat bħala eredi universali tagħha lil Salvina sive Elvine Agius, neputija tagħha;

11. Illi l-assi illum kontenuti fl-eredita’ ta’ Rachele Agius, u ta’ Francesco Agius, huma dawk elenkati fl-annessa lista deskritta dokument AD;

12. Illi fost dawn il-mezzanin fi Triq id-Duluri Marsalforn huwa mikri lil Mary Rose Agius, omm il-Perit Ray Agius; mentri l-fond fi Triq il-Mungbell, Marsalforn huwa mikri lill-eredi ta’ Carlo Agius;

13. Illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u suċċessjoni tal-antenati hawn fuq imsemmija;

14. Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-8 ta’ Lulju 1984, Carlo, Carmelo u Gorg Agius kienu ftehmu illi fl-okkażżjoni tad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom, il-fond fi Triq il-Madonna tad-Duluri Marsalforn kellu jiġi assenjat lil Carmelo Agius, dak fi Triq il-Mungbell Marsalforn kellu jiġi assenjat lil Carlo Agius u dak fi Triq Marina Marsalforn lil Gorg Agius. L-esponenti jemmnu illi dak il-ftehim għadu jorbot lill-kontendenti

odjerni kollha qua aventi kawża mingħand it-tlett missirijiet tagħhom, salv illi eventwalment jsiru d-debiti stejjem u jitħallsu d-debiti ekwiparazzjonijiet.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. tillikwida l-beni kompriżi fl-eredita' ta' Rachele Agius, billi tiddikjara illi dawn il-beni jikkomprendu kemm il-beni parafernali tagħha, kif ukoll l-immobbli assenjati lilha fl-okkażżjoni tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn il-mejjet żewġha Salvatore Agius, kif fuq ingħad;

2. tiddividi dawn il-beni f'ħames (5) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil kull wieħed u waħda minn uliedha Francesco, Carlo, Maria, Gorg, u Carmelo aħwa Agius;

3. tillikwida il-beni kompriżi fl-eredita' ta' Francesco Agius billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni illi huwa wiret mingħand ommu kif ukoll dawk il-beni l-oħra akkwistati minnu matul ħajtu;

4. salv il-legat ordnat minnu favur Salvina sive Elvine Agius, tiddividi l-beni kompriżi fl-eredi ta' Francesco Agius f'erba' porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ereditarji ta' ħuh Carmelo; lil ħutu Carlo, Maria u Gorg aħwa Agius;

5. tordna illi d-diviżjoni materjali tal-fondi fi Triq il-Madonna tad-Duluri; fi Triq il-Mungbell; u fi Triq Marina Marsalforn isseħħ fit-termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fit-8 ta' Lulju 1984, salv kull ekwiparazzjoni illi tkun dovuta minn kull wieħed mill-eredi lill-oħrajn u vice versa;

6. taħtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni ta' dawn l-assi ereditarji; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż kontra tagħkom.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Rachel mart Ahmed Hassan u Salvina sive Elvina xebba Agius, li eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok iridu jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-atti tar-rikors promotorju fis-sens illi Rachel kunjomha "Hassan" u mhux "Jallad" waqt li "Elvine" Agius jisimha "Salvina" għalkemm hija magħrufa bħala "Elvina";

2. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess l-esponenti jaqblu mal-ewwel, tieni, tielet u r-raba talba attriċi u għalhekk ma jopponux ruħhom għad-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Rachele Agius u ta' Francesco Agius salv li l-istess Salvina sive Elvine Agius tieħu l-legat imħolli lilha bit-testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-ħmistax (15) ta' April 1996;

3. Illi huma pero' ma jaqblux mal-ħames (5) talba fis-sens illi ssir id-diviżjoni materjali tal-fondi li hemm in diviżjoni u dana peress illi l-istess fondi m'humiex komodament diviżibb li u għalhekk għandha ssir il-liċitazzjoni tal-istess immobbli skond il-liġi;

4. Illi oltre dan l-kuntratt li kien sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-8 ta' Lulju 1984 huwa null u bla effett legali u fil-fatt huwa "res inter alios acta" u bl-ebda mod u manjiera ma jorbot lil Salvina sive Elvina Agius bħala eredi universali ta' Maria Agius li mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2006 u lanqas jorbot l-eredi ta' Francesco Agius. Għaldaqstant huma jopponu bil-qawwa kollha li ssir id-diviżjoni a bażi ta' dak li ġie propost fil-kuntratt hawn fuq ċitat.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti l-oħra li eċċepew :

1. Illi l-konvenuti jeċċepixxu preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti għaliex l-għadd ta' konvenuti illi joqgħodu ġewwa Malta huwa akbar minn l-għadd ta' dawk illi joqgħodu ġewwa Għawdex, fil-fatt Miriam Zammit u Anthony Zammit illi jirrappreżenta tnejn

mill-konvenuti joqgħodu Malta, u għalhekk tlieta minn ħames konvenuti joqgħodu Malta.

2, Illi, bla preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti esponenti jeċċepixxu wkoll umilment illi huma qatt ma opponew għall-qasma tal-assi miżmuma in komun, u lanqas ma huma qegħdin jopponu issa, salv id-debiti verifiki wara illi jkunu flew id-dokumenti annessi mar-rikors maħluf kif ukoll kull document ieħor pertinenti u relevanti u jekk hemm bżonn, il-kopji oriġinali, u, għalhekk ukoll, ma għandhomx jinżammu responsabbli għall-ispejjeż tal-preżenti proċedura għaliex huma qatt ma għamlu oppożizzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt illi il-konvenuti espnenti lanqas biss qatt ma ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali.

3. Illi, bla preġudizzju għas-suespost, waqt illi huma jaqblu mal-ewwel erba' talbiet attriċi, ma jaqblux mal-ħames talba għaliex kieku dina tiġi akkolta ma jkunux jistgħu jinsiltu isħma li jkunu kważi ugwali bejn l-erba' porzjonijiet illi jintalab illi jinqasmu skond ir-raba' talba, barra mill-fatt illi waqt illi jaqblu ma' l-ispirtu tal-ftehim datat it-tnejn ta' Lulju elf, disa' mija erbgħa u tmenin (02.07.1984) dana ma seta' qatt jorbot lil, jew jagħmel stat fil-konfront ta' Maria Agius jew l-aventi causa tagħha, għaliex hija ma kenitx firmatarja tal-istess ftehim, barra mill-fatt illi l-iskrittura private ma torbotx legalment bit-termini tal-istess ftehim lill-aventi causa tal-partijiet.

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, minħabba illi l-fondi illi jifformaw il-beni kompriżi fl-eredita' ta' Rachele Agius u ta' Francesco Agius ma humiex komodament diviżibbli, jista' jkun il-każ illi jkun hemm bżonn illi tali beni jinbiegħu b'liċitazzjoni, għalhekk is-sitt talba għandha tintlaqa' biss jekk il-bejgħ b'liċitazzjoni ma jiġix ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

5. Illi salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi .

Rat is-sentenza tagħha ta' l-24 ta' April 2009 dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Marru 2010 fejn innominat lill-A.I.C. Valerio Schembri bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2012 u minnu maħlufa fl-14 ta' Marzu 2012.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tal-15 ta' Lulju 2011.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu d-diviżjoni ta' diversi beni mmobbli provenjenti mill-ereditajiet tan-nanniet u zijiet paterni tagħhom u pposeduti in komun mal-konvenuti.

Dawn il-beni kif deskritti u stmati mill-perit tekniku huma s-segwenti:

a. il-fond bin-numri tnejn u għoxrin (22) u erbgħa u għhoxrin (24), Triq Sant'Ursola, Victoria, stmat tal-valur ta' : tlett mitt elf euro (EUR 300,000), (pjanta Dok. A annessa mar-rapport peritali);

b. il-fond bin-numru ħamsa u sittin (65), Triq Marina, Marsalforn, stmat tal-valur ta' mitejn u ħamsin elf euro (EUR 250,000), (pjanta Dok. B annessa mar-rapport);

c. il-fond numru sebgħa (7), Triq il-Madonna tad-Duluri, Marsalfron, stmat tal-valur ta' mija ħamsa u sittin elf euro (EUR 165,000), (pjanta Dok. C annessa mar-rapport);

d. il-fond numru tmienja (8), Triq il-Munġbell, (Volcano Street), Marsalforn, stmat tal-valur ta' mija u

ħmistax-il elf euro (EUR 115,000); (pjanta Dok. D annessa mar-rapport); u

e. ir-remissa mingħhajr numru fi Triq Santa Marija, Marsalforn, stmata tal-valur ta' elfejn u hames mitt euro (EUR 2500); (pjanta Dok. E annessa mar-rapport);

- valur komplessiv ta' dawn il-proprjetajiet: tmien mija tnejn u tletin elf u ħames mitt euro (EUR 832,500). Dawn il-beni jridu jinqasmu bejn erba' ċippijiet, u cioe':

1. lill-attur A.I.C. Raymond Agius, bħala l-uniku wild tal-mejjet Camelo Agius;
2. lill-atturi: Louis, Marvine mart Angelo Muscat u Christine mart Salvatore Cauchi, aħwa Agius, bħala ulied il-mejjet Carlo;

3. lill-konvenuta Salvina sive Elvina xebba Agius, bħala unika eredi ta' Maria xebba Agius; u

4. lill-konvenuti: Miriam mart Anton Zammit, Rachel mart Ahmed Hassan, Marcel, Joseph u l-istess Elvina xebba, lkoll aħwa Agius, ulied il-mejjet George.

Wara li l-perit tekniku għamel ir-rapport tiegħu, l-atturi permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-15 ta' Lulju 2011 pproponew pjan ta' qasma, li kellu jonora wkoll il-ftehim riportat fil-kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo tat-8 ta' Lulju 1984, milħuq bejn il-missirijiet rispettivi tal-kontendenti,[1] u dan fis-sens illi t-tliet fondi f'Marsalforn indikati fil-paragrafi 'b', 'c' u 'd' hawn fuq, jinqasmu bejn l-erba' ċippijiet bl-assenjazzjoni u ekwiparazzjoni skond il-każ, u ż-żewġ fondi l-oħra jinbiegħu bil-liċitazoni, bl-ammissjni ta' oblaturi estranei.[2] Il-konvenuti kollha, ħlief Marcel Agius, qablu ma' din il-proposta. Wara li tat l-opportunita' lill-istess Marcel Agius sabiex jispjega l-oġġezzjoni tiegħu, irriżulta li l-istess konvenut ma setax jifhem għaliex trid issir din id-diviżjoni, meta missieru u ħutu kienu ġia laħqu ftehim dwar kif kellha ssir id-diviżjoni

[1] Dok. AG anness mar-Rikors guramentat a fol. 157 – 158 .
[2] Ara Nota a fol. 266 -270 tal-process

permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi tal-1984. Imma billi Maria Agius, li dakinhar kienet waħda mill-komproprjetarji tal-beni pposseduti in komun ma' ħutha s-subien, ma kienitx ipparteċipat f'dak il-ftehim, ma setax jingħata effett lill-istess kuntratt. Issemmew ukoll xi kontijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma f'uħud mill-fondi in diviżjoni, li l-konvenuti jsostnu li għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti. Imma l-perit Raymond Agius, fid-depożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011, ta spjegazzjoni sodisfaċenti għaliex dan m'għandux isir, billi l-kontijiet relattivi jirreferu għal perijodi fejn dawn il-fondi kienu fil-pussess u qed jiġgu gawduti biss minn uħhud mill-kondividendi.[3] Fiċ-ċirkostanzi, kif anke rrimarkaw l-atturi f'din in-Nota ta' sottomissjonjiet tagħhom, jidher li din il-proposta hija l-iżjed waħda ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk il-Qorti sejra taddotta l-istess proposta fil-pjan ta' diviżjoni li għandu jsir.

Għaldaqstant il-valur komplessiv tal-proprjeta' li għandha tiġi assenjata skond din il-proposta huwa ta' : EUR 250,000 + EUR 165,000 + EUR 150,000 = EUR 565,000, b'tali mod li sehem kull ċipp ikun EUR 141,250:

1. lill-attur A.I.C. Raymond Agius jiġi assenjat il-fond numru 7, Triq id-Duluri, Marsalforn, b'valur ta' EUR 165,000, u għalhekk iħallas ekwiparazzjoni ta' EUR 23,750;

2. lill-atturi: Louis Agius, Marvine Muscat u Christine Cauchi jiġi assenjat indiviżament bejniethom il-fond numru 8, Triq l-Munġbell (Volcanio Street), Marsalforn, b'valur ta' EUR 150,000, u għalhekk iħallsu ekwiparazzjoni ta' EUR 8,750;

3. lill-konvenuta Elvina Agius jiġi assenjat in-nofs indiviż tal-fond : 65, Triq Marina, Marsalforn, tal-valur dan is-sehem ta': EUR 125,000, u għalhekk tirċievi bħala ekwiparazzjoni: EUR 16,250; u

[3] Ara xhieda tieghu tal-15.12.2011

4. lill-konvenuti: Miriam Zammit, Marcel, Joseph, Rachel Hassan u Elvina Agius jiġi assenjat bejniethom in-nofs indiviż l-ieħor tal-fond fi Triq Marina, stmat EUR 125,000 u għalhekk jirċievu kull wieħed/waħda minnhom bħala ekwiparazzjoni: EUR 3250.
Il-fondi l-oħhra, u ċioe' d-dar fi Triq Sant'Ursola, r-Rabat u r-remissa fi Triq Santa Marija, Marsalforn, li ċertament mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividendi għandhom jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, bir-rikavat jinqasam bejn l-istess kondividendi, kulħadd skond sehmu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar it-talbiet billi:

1. tilqa' l-ewwel erba' talbiet;

2. tilqa' wkoll il-ħames talba u tordna li:

(i) lill-attur A.I.C. Raymond Agius jiġi assenjat il-fond numru 7, Triq id-Duluri, Marsalforn, b'valur ta' EUR 165,000, u għalhekk iħallas ekwiparazzjoni ta' EUR 23,750;

(ii) lill-atturi: Louis Agius, Marvine Muscat u Christine Cauchi jiġi assenjat indiviżament bejniethom il-fond numru 8, Triq l-Munġbell (Volcanio Street), Marsalforn, b'valur ta' EUR 150,000, u għalhekk iħallsu ekwiparazzjoni ta' EUR8,750;

(iii) lill-konvenuta Elvina Agius jiġi assenjat in-nofs indiviż tal-fond ; 65, Triq Marina, Marsalforn, tal-valur dan is-sehem ta': EUR 125,000, u għalhekk tirċievi bħala ekwiparazzjoni: EUR 16,250; u

(iv) lill-konvenuti : Miriam Zammit, Marcel, Joseph, Rachel Jallad u Elvina Agius bejniethom in-nofs indiviż l-ieħor tal-fond fi Triq Marina, stmat EUR 125,000 u għalhekk jirċievu kull wieħed/waħda minnhom bħala ekwiparazzjoni : EUR 3250.

3. tilqa' s-sitt talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Enzo Refalo sabiex jippublika l-att opportun fl-uffiċċju

tiegħu nhar is-Sibt 21 ta’ April 2012 fil-11.00 a.m., u għall-fini ta’ l-eventwali kontumaċi fuq dan il-kuntratt tinnomina lill-avukat Dottor Joshua Grech; u

4. Tordna l-bejgħ b’liċitazzjoni tal-fond numri tnejn u għoxrin (22) u erbgħa u għoxrin (24) Triq Sant’Ursola, Victoria, u tar-remissa mingħajr numru fi Triq Santa Marija, Marsalforn, bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei, u dan sabiex ir-rikavat jnqasam bejn il-kondividendi, kulħadd skond sehmu.

L-ispejjeż, apparti dawk tas-sentenza preliminari tagħha ta’ l-24 ta’ April 2009, li għandhom jitħallsu biss mill-konvenuti Miriam Zammit, Marcel Agius u Joseph Agius, li qajjmu l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, jiġu ssoportati mill-kondividendi kollha, skond l-isħma rispettivi tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------